# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 29 ta' Marzu, 2023.**

**Numru 50**

**Rikors numru 707/07/1 JPG**

**Joseph u Maria konjugi Grech**

**v.**

**Mary Anne Giordmaina għan-nom u in rappreżentanza ta' Victoria Shooting Club**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat li ppreżentaw l-atturi fit-28 ta' Ġunju, 2007, li jaqra hekk:

> "Illi huma il-propjetarji tal-fond Marjos, Triq il-Fortizza, Tal-Handaq, L/O Zebbug Malta.
>
> Illi il-club intimat jiggestixxi attivita' ta' spara f'shooting range.

Illi stante illi dan is-shooting range huwa vicin hafna tar-residenza tar-rikorrenti, din l-attivita' qed tikkawza danni konsiderevoli lill-esponenti essendo li qed jaqgħu ħafna pellets ta' comb ġewwa d-dar tagħhom u fuqhom personalment inkluż iż-żewġ ulied minuri tagħhom.

Illi minħabba fil-premess huma talbu u ottjenew il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni numru 790/07 RCP kontra il-club intimat.

Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. tiddikjara illi bl-attività tagħha il-club intimat qed jirreka danni konsiderevoli lir-rikorrenti

2. tipprojbixxi lill-intimati milli jkomplu jiggestixxu l-attività in kwistjoni

3. tipperpetwa l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 790/07 RCP fl-ismijiet Joseph u Maria konjuġi Grech vs Mary Anne Giordmaina għan-nom u in rappreżentanza ta' Victoria Shooting Club."

2. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta *nomine* li in forza tagħha eċċepiet illi:

"1. Illi l-eċċipjenti tikkontendi li ma' huma qed jiġu kkaġunati ebda danni lir-rikorrenti u jidher li anqas fir-rikors ġuramentat fl-ismijiet hawn fuq premessi ma' ġie maħluf li ġew kkaġunati xi danni lir-rikorrenti. Illi għalhekk ir-rikorrenti għandhom iġibu l-prova ta' eżattament x'hiex jikkonsistu id-danni li huma allegatament sofrew u mhux danni li huma qed jallegaw li sofrew iżda li huma biss b'kull rispett immaġinarji. Illi dan jingħad anke fl-isfond li fit-talbiet tagħhom ir-rikorrenti ma' jitolbu ebda likwidazzjoni ta' danni u dana għas-sempliċi raġuni li ma' ġewx ikkaġunati danni kif allegat.

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suesuppost dak allegat mir-rikorrenti mhux veritier stante li mhu qed jiġi kkaġunat ebda perikolu lir-rikorrenti permezz tal-attivita tal-isparar u konsegwentement ma' hemmx 'l għaliex il-club jibqa' milli jiffunzjona ai termini tal-permessi vigenti mahruga minn l-awtoritajiet responsabbli.

3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."

3. Rat ir-risposta ġuramentata ulterjuri (li l-preżentata tagħha kienet awtorizzata b'digriet tal-4 ta' Awwissu, 2010) li in forza tagħha ġie ulterjorment eċċepiet:

> "1. Illi l-intimata noe teċepixxi illi l-azzjoni tar-rikorrenti konjuġi Grech hija karpita bil-'causa illecita' u dana għaliex kuntrarju għal dak li ħalfu għalih fir-rikors maħluf promotorju tagħhom (Ara t-tielet premessa tal-imsemmi rikors) il-fond in kwistjoni rriżulta mill-provi li lanqas għandu permessi mill-awtoritajiet kompetenti bħala 'post abitabbli' u hu kontra kull 'public policy' illi r-rikorrenti jużaw l-imsemmi fond bħala r-residenza tagħhom meta dan m'hux intiż għalhekk;
>
> 2. Illi l-azzjoni tar-rikorrenti m'hix ibbażata fuq l-ebda azzjoni kkontemplata fil-liġi u hija ġuridikament improponibbli kontra l-intimata noe u dana billi ġja' jirriżulta mill-provi li l-intimata noe għandha l-permessi u l-liċenzji kollha meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti ħalli topera x-'Shooting Range' u għalhekk l-azzjoni li kienet spettanti lir-rikorrenti ma kinitx dik mressqa minnhom li ma teżisti l-ebda azzjoni bħalha fid-dritt tagħna iżda azzjoni fejn jiġi attakkat l-għemil amministrattiv in kwistjoni. Għalhekk tali azzjoni għandha tiġi miċħuda fuq dan il-bażi minn din l-Onorabbli Qorti;
>
> 3. Illi l-kawża mressqa mir-rikorrenti konjugi Grech m'hija xejn għajr tentattiv ħalli r-rikorrenti jottjenu sentenza minn din il-Qorti li biss tipperpetwa l-effetti ta' mandat ta' inbizzjoni vag li gja' gie milqugh a favur taghhom u dana wiehed jista' jasal ghalih meta wiehed jesamina t-tip t'azzjoni li giet imressqa, liema azzjoni hija biss halli tipperpetwa l-effetti ta' mandat ta' inibizzjoni 'ad infinitum', m'hix permessa skont il-liġi (Ara sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 5-10-1998 u fl-ismijiet' Adrian sive Aad de Haan noe v. Dr. Tonio Farrugia et noe pro'). Għalhekk isegwi li l-kawża kif impostata m'hix ġuridikament proponibbli u m'hix peressa mill-liġi;
>
> 4. Salv linji difensjonali ulterjuri hekk kif permessi mill-liġi."

4. Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Novembru, 2017, li in forza tagħha ddeċidiet il-kawża fis-sens illi:

> "*ex officio* tiddikjara illi l-bażi tal-kawża tar-rikorrenti hija illeċita u għar-raġunijiet fuq mgħotija tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti. Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż kollha jitħallsu mir-rikorrenti."

5. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> **"Ikkonsidrat:**
>
> **Maria Grech** xehdet a fol 16 *et seq* illi l-ewwel darba li raw il-proprjeta fejn eventwalment zvillupaw id-dar matrimonjali taghhom kien ghal habta ta' April 2006, li kien zmien il-kacca u ghalhekk ma kienux jisparaq fuq il-plattini. Xehdet li ghalhekk kien biss meta bdew jibnu l-proprjeta li bdew jaraw niezel hafna comb, u mhux l-ewwel darba li gew milquta waqt li qed jimxu fit-triq jew waqt li jkunu fil-proprjeta taghhom. Ziedet illi apparti hi u zewga, fid-dar matrimonjali jirresjedu uliedhom minuri, li ukoll mhux l-ewwel darba li ntlaqtu bic-comb. Spjegat illi r-ragel taghha kien mar ikellem lil Raymond Giordemaina, u cioe il-persuna li jmexxi l-klabb, dwar dan, u Giordemaina kien qallu li kien qed jistenna xi permessi biex itella' hitan. Kompliet li ghal bidu ta' Jannar 2007 bdiet tmur tirrapporta kemm fl-ghassa ta' Haz Zebbug kif ukoll fl-Ghassa ta' Hal Qormi minhabba din il-kwistjoni, ghalkemm dan kien ghalxejn. Spjegat li ghalhekk kienu marru ghand Avukat li kien baghat ittra lil Giordemania, u sussegwentement gie intavolat mandat ta' inibizzjoni, li waqqaf l-isparar, ghalkemm l-membri tal-klabb bdew juzaw *airgun,* li ghalihom ma kienx problema ghaliex ma kienux jintlaqtu bic-comb. Kompliet illi f'dan iz-zmien l-intimata noe tellghat hajt ta' erba filati, izda dan xorta wahda mhux bizejjed sabiex jipprotegihom mic-comb.
>
> **In kontro-ezami** a fol 67 *et seqq.* xehdet illi hemm applikazzjoni penenti mal-MEPA fuq il-fond matrimonjali tar-rikorrenti, u qablet sal-gurnata meta kienet qed tixhed il-fond kien ghadu mhux klassifikat. Ikkkonfermat li hi u l-familja taghha joqghodu fil-fond bl-indirizz Marjos, Triq il-Fortizza, tal-Handaq, u li din il-proprjeta ghada minghajr permess, ghalkemm hemm proceduri pendenti quddiem il-MEPA.
>
> **Joseph Grech** xehed permezz ta' affidaivt a fol 19 *et seqq.* fejn ikkonferma u kkorrobora dak li qalet martu Maria Grech fl-affidavit taghha.
>
> **Joe Caruana** xehed a fol 28 *et seqq.* illi huwa jahdem bhala bidwi u ghandu l-ghelieqi tieghu taht ir-*range* tal-intimata noe. Spjega illi hu ilu jahdem dawn l-ghelieqi ghal madwar 25 sena, u r-*range* ilha hemmhekk ghal numru ta' snin. Xehed illi gieli sab comb fl-ghalqa tieghu, tant li darba minnhom ic-comb kien laqat it-tada li kellu mizrugh u faqaw kollu, u filfatt is-sid tar-*range* kien qallu li kien lest ihallas ghad-danni li sofra. Zied illi hu lanqas jista' johrog minn got-trejqa ghaliex anke jekk jghaddi bil-van jolqtuh, illi jekk tkun ghaddej minn hemm waqt li qed jisparaw, tkun trid timxi b'rasek baxxa u tghatti ghajnejk, ghax jistu' jolqtuk. Zied illi l-propreta tar-rikorrenti tintlaqat

b'dan ic-comb, u anke iktar minn tieghu peress illi qieghda aktar fil-mira tat-tiri.

**In kontro-ezami** a fol 32 *et seqq.* xehed illi r-*range* ilu hemm minn qabel ma zviluppaw il-proprjeta taghhom ir-rikorrenti.

**Is-Supretendent Lwrence Cutajar** xehed a fol 45 *et seqq.* u esebixxa kopja tar-rapporti li gew maghmula mir-rikorrenti rigward is-*shooting range* in kwistjoni. Ftakar illi Maria Grech kienet kellmitu. Esebixxa wkoll kopja tal-permess li jezisti fuq Victoria Shooting Club li hareg fl-1998, u jippermetti illi dan il-fond jigi uzat bhala *shooting range.*

**In kontro-ezami** a fol 46 *et seqq.* xehed illi is-*shooting range* hija koperta bil-permessi kollha rikjesti mill-ligi.

**Dr. Charles Attard** xehed a fol 57 *et seqq.* illi huwa l-President tal-Vitoria Shooting Club li ilu jezisti ghal circa 20 jew 25 sena. Spjega illi din il-proprjeta kienet giet donata lilhom ill-Gvern, u ottjenew il-permessi kollha mehtiega biex ikunu jistu' joperaw *shooting range.* Qal illi qatt ma rcievew rapporti kontra is-*shooting range.*

**Ivor Robinich, in rapprezentanza tal-MEPA** xehed a fol 65 *et seqq.* illi mill-verifiki li ghamel rigward il-fond Marjos, Triq i-Fortizza, Tal-Handaq rrizulta l m'hemm xejn fuq dan il-fond. **Xehed ukoll illi l-applikazzjoni maghmula mir-rikorrenti gie michuda u skont il-permessi tal-MEPA dan il-fond illum m'huwiex abitabbli**. Zied illi saret talba ghar-rikonsiderazzjoni tal-applikazzjoni ir-rikorrenti.

**Saviour Portelli, in rapprezentanza tal-Federazzjoni Maltija tal-Isport** xehed a fol 66 illi l-Victoria Shooting Club huwa affiljat mal-Federazzjoni, ghaliex huwa obbligatorju skont il-ligi li jkun irregistrat maghha. Xehed ukoll illi huwa membru tal-Weapons Board u ghalhekk jista' jikkonferma illi l-istess klabb huwa rikonoxxut u ghandha l-licenzji kollha relattivi.

**Margaret Falzon, Assistent Diretur fi hdan id-Dipartiment tal-Artijiet** xehdet a fol 86 u prezentat *orthophoto* mahrug mid-Dipartiment tal-Artijiet fuq liema markat ir-razzett in kwistjoni u pjanta datata 1957 fuq liema immarkat l-access ghar-razzett in kwistjoni.

**In kontro-ezami** a fol 86 xehdet illi hija m'ghamlet l-ebda access fuq il-post u ghalhekk ma tistghax tghid jekk illum il-gurnata ir-razzett ghandux access minn band'ohra.

**Ikkonsidrat;**

Illi permezz ta' rikors datat 14 ta' Lulju 2010, l-intimata noe kienet talbet awtorizazzjoni sabix tipprezenta risposta guramentat ulterjuri, fejn kienet qed tecepixxi ulterjorment, *inter alia,* l-illecita tal-bazi tal-kawza tar-rikorrenti peress illi l-proprjeta taghhom giet mibnija

minghajr permess u tmur kontra l-*public policy.* Din l-awtorizazzjoni kienet inghatat mill-Qorti permezz ta' digiet datat 19 ta' Lulju 2010, skont liema l-intimata noe kellha ghaxart'ijiem sabiex tipprezenta formalment din ir-risposta guramentat ulterjuri. Jirrizulta pero illi l-intimata naqset milli tipprezenta din ir-risposta guramentata ulterjuri formalment. Il-Qorti tqis pero illi essendo kwistjoni ta' Ordni Pubblika, il-Qorti ghandha s-setgha li tqajjem din l-kwistjoni *ex officio,* u ghalhekk ser tissindika l-illecita tal-causa tal-azzjoni tar-rikorrenti irrispettivament min-nuqqas tal-intimata noe li tipprezenta r-risposta guramentat ulterjuri taghha.

Il-Qorti tqis ukoll illi jkun ghaqli li qabel tghaddi sabiex tezamina l-kawzali u l-eccezzjonijiet l-ohra, ghandha l-ewwelnett tissindika l-illecita tal-*causa petendi* tar-rikorrenti, u dan peress illi l-konsegwenza tal-akkoljiment taghha tkun illi twaqqaf kull konsiderazzjoni ohra li l-Qorti setghat altrimenti tiehu konjizzjoni taghha.

L-intimata *noe* targumenta fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha illi galadarba r-rikorrenti ghazlu li jizviluppaw il-proprjeta taghhom illegalment, u fil-vicinanzi tas-*shooting range* tal-intimata *noe,* li hija munita bil-permessi u l-licenzji kollha necessarji skont il-ligi, allura ir-rikorrenti ma jistghux jippretendu li jinghataw protezzjoni mill-Qorti kontra l-attivita lecita tal-intimat *noe*. Minn naha taghhom, ir-rikorrenti ma ndirizzawx din il-kwistjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Angelo Cauchi vs Joseph Vella** deciza mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fis-26 ta' Lulju 2011, fejn l-intimat ressaq eccezzjoni illi l-causa tat-talbiet tar-rikorrent kienet illecita peress illi l-hajt rigward liema kienet qed issir pretensjoni kien gie mibni illegalment, it-Tribunal laqa' din l-eccezzjoni wara li ddetermina illi:

> "***Il-konvenut ghalhekk mhuwiex obbligat li jaghmel tajjeb ghall- ispejjez li saru mill-attur meta l-bini tal-hajt mill-attur ma sarx skond il-ligi****, sar –il barra mill-allinjament ufficjali tat-triq progettata li mieghu l-attur kien marbut li josserva, u hemm ordni tal-Awtorita' tal-Ippjanar biex dan l-istess hajt li bena l-attur jitnehha*"

Dini s-sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell, li fis-sentenza taghha datata 21 ta' Marzu 2012 ikkonfermat din il-konkluzjoni, u rrilevat illi t-Tribunal:

> "…*kien korrett meta laqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenut appellat li l-hlas qed jintalab ghal xi* ***xoghol li sar fuq hajt li ma ghandux il-permessi mehtiega, u ghalhekk hemm kawza illecita*** *kif eccepiet mill-istess konvenut*."

Mill-atti jirrizulta, u del resto m'huwiex kontestat mir-rikorrenti illi l-proprjeta taghhom giet mibnija illegalment fuq art li tinsab barra miz-zona tal-izvilupp. Jirrizulta wkoll illi ghalkemm fil-mori tal-kawza ir-rikorrenti kienu qed jittentaw jissanaw din il-proprjeta, il-MEPA cahdet

l-applikazjoni taghhom, u dan ghaliex, fost ragunijiet ohrajn, r-rikorrenti bnew l-proprjeta taghhom f'post disenjat bhala Area ta' Valur Agrikolu (vide Fol 107). Minn naha l-ohra, il-Victoria Shooting Range hija koperta fil-permessi u l-licenzji kollha necessarji skont il-ligi. Jirrizulta wkoll illi meta r-rikorrenti avvicinaw lil Giordeania rigward il-problema li kienu qed jaffacjaw dan prova jsib soluzjzoni, billi applika mal-MEPA ghal permess biex jigi erett hajt ta' lqugh ghac-comb, izda r-rikorrenti qabdu u fethu din il-kawza qabel ma hareg il-permess relattiv, u ghalhekk qabel mal-intimata noe kienet f'posizzjoni illi tibni dan il-hajt.

Il-Qorti thoss illi jekk tilqa' l-meritu ta' din il-kawza tkun qed taghti sahha lil min deliberatament agixxa kontra l-Ligi, pero' jippretendi li juza l-Qrati sabiex jostakola lil min attwalment segwa l-Ligi u qieghed jopera strettament entro l-parametri taghha. Fil-fehma tal-Qorti, galadarba r-rikorrenti ghazlu li jinjoraw il-Ligi meta zviluppaw il-proprjeta taghhom fuq art li tinsab barra miz-zona tal-izvilupp, minghajr il-permessi necessarji, ma jistghux issa juzaw l-Ligi sabiex jipprotegu l-godiment taghhom ta' din il-proprjeta illegali, u dan a skapitu tal-intimata noe li osservat u rrispettat il-ligijiet tal-pajjiz relatati mal-attivita operata minnha. Din il-Qorti m'hijiex sar taccetta li tigi uzata bhala tarka ghal min ma juri l-ebda rispett lejn il-Ligi, ghaliex min jikser il-ligi m'ghandu jsib l-ebda komfort jew protezzjoni mill-Qrati f'dak kollu li jirrigwarda l-ksur tal-ligi kommess minnu.

Apparti dana kollu irid jinghad illi id-dritt tal-kawtela (dak procedurali) m'huwiex id-dritt sostantiv li jista' jigi mhares, ghaliex dawn huma zewg jeddijiet distinti li ma jistghu jitqiesu bhala l-istess jedd. Il-jedd imsemmi fil-Mandat m'huwiex id-dritt li taghmel mandat, imma huwa d-dritt li ghalih il-kreditur ezekutant jaghmel uzu mid-dritt li jinstilet mill-kawtela moghtija bil-hrug tal-mandat.

Talba fis-sens li l-effetti ta' Mandat ta' Inibizzjoni jigu konfermati tqieset bhala talba inaccettabbli billi timmira li taghmel perpetwa inibizzjoni li, min-natura taghha, hija limitata ghaz-zmien mehtieg sakemm jigi meqjus id-dritt sostantiv li b'harsien tieghu jkun inhareg tali Mandat. **(Vide Raymond Vassallo et vs Peter Borg Cardona deciza 22/04/2004 per Imhallef JR Micallef.)**

Fl-istess vena is-sentenza fl-ismijiet Joe Cortis nomine vs Direttur tax-Xogholijiet et (Cit. Nru. 1576/94FS), fejn qalet:

> **"Jinghad li t-talba tal-attur ma kellhiex tkun ghall-konferma tal-mandat, ghax il-konferma tal-mandat terga' twassal biss ghar-rikonoxximent ta dak li kien intalab li jigi dikjarat "prima facie" tar-rimedju temporanju kawtelatorju. Il-konferma ta' mandat ta' inibizzjoni ma tistax tifforma mertu ta' decide peress li l-Qorti fid-decizjoni taghha mhux tikkonferma, izda tiddecidi" – Vide ukoll Prim' Awla fl-ismijiet Joseph Tonna vs John Mamo deciza 30/9/1987;**

F’sentenza simili ghall-kaz odjern, gie ritenut fil-kawza Adrian De Haan noe vs Dott. Tonio Farrugia et noe Appell tal-5 ta’ Ottubru 1998;

> **“Illi fil-kaz in ezami, il-Qorti tirrileva li l-attur naqas li jipproponi l-kawza fuq id-dritt li jrid u seta’ jipprotegi wara li ottjena l-hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni. B’hekk, minflok talab li jigi dikjarat li ghandu dan il-jedd, id-dritt sostantiv tieghu, l-attur talab lill-Qorti biex testendi indefinittivament l-effetti tal-mandat ta’ inibizzjoni – dritt procedurali. Dawn huma zewg drittijiet separati u dinstinti li mghandhomx jitfixklu bejniethom. Il-ligi ma tikkontemplax il-possibilita` ta’ mandat kawtelatorju permanenti.”**

Vide wkoll **C. Aquilina vs F.X. Aquilina noe et, Appell deciz fis-27 ta’ Novembru 1991 fejn inghad:**

> **“id-dritt ta’ kawtela - cjoe’ id-dritt procedurali - li ma huwiex id-dritt sostanzjali li jista’ jigi kawtelat. Dawn huma zewg drittijiet distinti u ma jistghux jigu ridotti u konfuzi fi dritt wiehed………Huwa ovvju li l-jedd imsemmi fil-mandat m’ huwiex id-dritt li taghmel il-mandat imma huwa d-dritt li ghalih il-kreditur ghamel uzu mid-dritt li johrog il-mandat”.**

L-istess linja ta’ hsieb gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Catherine Terrence Sullivan vs Adrian Stivala et [K.(J.F.)] deciza fis-17 ta’ Marzu 1992** il-Qorti qalet li ma hemm ebda fondament legali li tintalab konferma tal-Mandat kawtelatorju stante li:

> **“il-ligi trid li mandati simili jigu msahhin u mwettqa b’citazzjoni, li tkun allura allaccjata mal-pretensjoni tar-rikorrenti u mhux ma’ rikonferma ta’ digriet gja` moghti fil-kaz tal-mandat jew mandati. Certament ghalhekk it-talba kif maghmula hija improponibbli ghax ma hijiex kontemplata mill-ligi”.**

Fl-istess sens is-sentenza **fl-ismijiet Connie mart Anthony Galea vs Joseph Gauci deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fis-7 ta’ Ottubru, 1997** [li kkonfermat is-sentenza tal-PA (AJM) tal-4 ta’ Ottubru 1993 li kienet qalet:

> **“tali talba attrici ma hijiex permessa fil-ligi taghna billi twassal ghall-inibizzjoni perpetwa tal-konvenut milli jaghmel dak imsemmi fil-mandat minghajr ma jigi stabbilit jekk l-attur ghandux il-jedd, li rrizulta prima facie pruvat fil-proceduri tal-mandat”.**

Ara wkoll sentenzi fil-kawzi **George Giordmaina vs Kristinu Giordmaina** (P.A. (GV) 7 ta’ Novembru 1995), **Simon Debono vs HSBC Bank Malta** (P.A. [RCP]); **Michael Axisa vs Grazio Patiniott** P.A. 21 ta’ Marzu 1996; **Anthony Abdilla et vs Emaniel Deguara et [PA]** (R.C.P.) 4 ta’ Marzu 1999; **Louis Cuschieri vs Dr. John C. Grech nomine** (P.A.)(G.V.) tad-9 ta’ Jannar 1997.

> Ghaldaqstant it-talba tal-atturi ghaz-zamma in perpetweta tal-Mandat ta' Inibizzjoni hija insostenibbli."

6. Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi li in forza tiegħu, għar-raġunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti:

> "joġgħobha **tħassar, tirrevoka u tikkanċella** s-sentenza fl-ismijiet premessi, mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fid-disgħa (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017), u **filwaqt illi tilqa t-talbiet kollha ta' l-appellanti, kif dedotti minnhom fir-rikors promotur, tiċħad it-tweġibiet ta' l-intimati, u dan bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess intimati.**"

7. Rat ir-risposta tal-konvenuta *nomine* li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnha premessi, talbet lil din il-Qorti sabiex:

> "tiċħad l-appell odjern u tikkonferma *in toto* s-sentenza tal-Ewwel Qorti mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-disgħa (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) għar-raġunijiet hawn fuq premessi."

8. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

9. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

**Ikkunsidrat:**

10. Illi f'din il-kawża l-atturi, li jirrisjedu f'dar f'tal-Ħandaq, limiti ta' Ħaż-Żebbuġ, jgħidu li qed jiġi kkaġunat danni lilhom miċ-ċomb li jaqa' fil-fond tagħhom mill-isparaturi li jsiru mix-*shooting range* viċin tagħhom. L-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet attriċi wara li kkonstatat li l-fond tal-atturi

nbena bla permessi, tant li hemm ordni ta' infurzar fuq l-istess fond. Dik il-Qorti qalet li l-bini bla permess huwa illegali u allura l-fond huwa kolpit b'kawża illeċita u l-atturi ma jistgħux jieħdu vantaġġ mill-illegalità tagħhom.

11. L-atturi appellaw mis-sentenza u jargumentaw illi l-illegalità tal-bini ma jwassalx għal *causa* illeċita, u li f'kull każ, il-prinċipji ta' bon viċinat għandhom jiġġustifikaw it-talbiet tagħhom.

12. Din il-Qorti tibda biex tgħid li hu prinċipju fondamentali illi *malitiis non est indulgendum*, u l-atturi ma jistgħux jitolbu rimedju meta huma qegħdin fi stat ta' illegalità. Il-binja hija kollha bla permess, tant li applikazzjoni li saret biex il-bini jiġi sanzjonat ġiet miċħuda u għad hemm ordni ta' infurzar fuq l-istess sit. Fuq l-art in kwistjoni kien hemm razzett antik li, però, mingħajr il-permessi meħtieġa ġie żviluppat f'residenza ġdida.

13. Dak li jgħidu l-atturi li l-okkupazzjoni tagħhom tal-fond ma taqax fid-definizzjoni illeċita ma jreġix. Kif jgħid il-**Giorgi**, meta jkun hemm att illegali, hi x'inhi n-natura ta' dak l-att, ikun hemm *causa* illeċita marbuta miegħu. Jispjega ("Teoria delle Obligazione" Vol III para.311):

> "definiamo l'illecito uno violazione possibile della legge giuridica o morale".

Aktar 'il quddiem, f'para.316, l-istess ġurista jkompli jispjega:

> "prima, in ragione d'importanza, vengono, fra le prestazioni illecite per disposizione esplicita di legge penale, tutte quelle che si comprendano nella denominazione generica di reati. Invero, quando la legge punisce un determinato fatto positivo o negativo, dice abbastanza chiaro di considerarlo come illecito, e di non poterlo tollerare come oggetto di obbligazione contrattuale".

Għalhekk, fil-kawża "Vella v. Fenech" deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fid-29 ta' Awwissu, 1990, fond li mhux kopert bil-permessi relattivi għall-kostruzzjoni tiegħu, ġie meqjus bħala illegali u ma jistax ikun oġġett ta' obbligazzjoni. Kwalunkwe ksur tal-liġi irrendi dak l-att hekk magħmul bħala illeċitu, u dak li jkun ma jistax jippretendi kumpens għal xi ħsara li tista' tiġri lir-riżultat ta' dak l-att, altrimenti, il-Qorti tkun qed tagħti legalità lil dak l-att li m'għandux jitqies vijabbli ta' protezzjoni.

14. Oltre dan jirriżulta li l-fond in kwistjoni ttella' fejn hu wara li nbena u beda jopera x-*shooting range* tal-konvenuta. Din kienet teżisti u topera, u kienu l-atturi li bnew dar eżatt mal-konfini tagħha. Wieħed ma jistax imur joqgħod ħdejn, ngħidu aħna, impjanti industrijali jew lok ta' divertiment u wara jgerger bl-istorbju. L-isparar kien isir minn qabel, u l-atturi kienu jafu li fix-*shooting range* isir dak li hu mistenni li jsir minn post bħal dan, jiġifieri sparar.

15. Min-naħa l-oħra, dan ma jfissirx li l-għaqda konvenuta tista' tkompli bl-attività tagħha b'impunità. L-art hija tal-atturi, u anke jekk ma jitqiesx il-bini illegali li ttella' fuqha, l-istess art tista' tintuża mill-atturi, ngħidu aħna, għall-*picnic* jew *bar-b-que*. Hu veru li ma jkunx desiderabbli li xi

ħadd imur jagħmel *picnic* jew *bar-b-que* ħdejn *shooting range*, però l-organizzazzjoni li topera din il-pista lanqas ma għandha tispara lil hinn mill-konfini tal-kumpless tagħha. Bejn il-pista u d-dar tal-atturi hemm trejqa pubblika u fl-inħawi hemm ukoll għelieqi miżrugħa u kwindi t-tixrid taċ-ċomb jista' jagħmel ħsara lill-persuni interessati. Kullħadd għandu dritt għat-tgawdija bil-kwiet tal-proprjetà tiegħu. Il-Perit tekniku maħtur mill-Ewwel Qorti biex jassistiha fl-indaġni tagħha ssuġġerixxa li f'sit battal jitpoġġa terrapien sa għoli ta' bejn 8 u 9 metri, u għalkemm biex tiġi protetta l-art innifisha tal-atturi qal li hemm bżonn ta' *shooting tests* biex jiġi stabbilit fejn qed jaqa' ċ-ċomb, hu probabbli li jekk terrapien għoli ta' bejn 8 u 9 metri jipproteġi t-trejqa, dan l-għoli għandu jkun biżżejjed biex jipproteġi anke lil min ikun fuq l-art tal-atturi, li tiġi lil hinn mit-trejqa pubblika.

16. Il-Qorti, ovvjament, trid toqgħod fuq it-talbiet tal-atturi. Għalkemm l-ewwel talba ma tistax tintlaqa' għax ma ġiex muri li l-atturi sofrew "danni konsiderevoli" bit-tħaddim ta' sparar, tista' tintlaqa' t-tieni talba biex is-soċjetà konvenuta tiġi mitluba tgħolli l-ħajt (jew bit-terrapin kif issuġġerixxa l-perit tekniku) fuq wara sa għoli ta' bejn 8 u 9 metri, biex b'hekk jitnaqqas it-tixrid ta' ċomb fit-trejqa pubblika u l-art tal-atturi.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-atturi billi tilqgħu f'parti, u fil-waqt li tikkonfermha fejn ċaħdet l-ewwel u t-tielet

talba tal-atturi, tirrevokaha fejn ċaħdet ukoll it-tieni talba, u minflok tilqa' dik it-talba billi tordna lill-*club* konvenut itella' ħajt/terrapien fuq wara sa għoli ta' bejn 8 u 9 metri kif issuġġerixxa l-perit tekniku fir-rapport tiegħu dwar is-sigurtà fix-*shooting range* a fol. 203 u 204 tal-proċess; altrimenti jkollha tieqaf milli tiġġestixxi l-attività tagħha.

L-ispejjeż kollha tal-kawża, inklużi dawk in prim istanza, jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da